MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2009

Numru 625/1999

Il-Pulizija
(Supretendent Carmelo Bartolo)

vs

Alan Gatt

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 239776(M) akkuzat talli:

1. f'dawn il-Gzejjer, f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn it-22 ta' Gunju 1998 u x-xahar ta' Gunju tas-sena 1996, ghamel dikjarazzjoni falza, jew ta taghrif falz, jew ipproduca xi dokument falz, ghal ghan li tinhariglu karta tal-identità gdida;

2. f’dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, naqas li jhares sewwa il-karta tal-identità mahruga lilu;

3. f’dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, halef il-falz quddiem magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu mis-setgha b’ligi li jaghti l-gurament, liema gurament kien mehtieg mil-ligi jew ordnat b’sentenza jew b’digriet ta’ wahda mill-Qrati ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha:

Ikkonsidrat:

Mill-provi, dak li jirrisulta fic-cert hi l-ewwel akkuza ghaliex mill-bqija l-provi huma insodisfacjenti jew adirittura m’hemm xejn li jissostanzja l-ahhar zewg akkuzi.

Rat l-Artikolu 188 u 189 tal-Kap 9 issib l-akkuzat hati tal-ewwel akkuza izda mhux tal-kumplament u tikkundannah €116 li tikkoncedi li jithallsu b’€20 kull xahar, l-ewwel pagament sal-ahhar tax-xahar ta’ Lulju 2009 u pagamenti sussegwenti u konsekuttivi sa l-ahhar ta’ kull xahar wara, bid-dekadenza taz-zmien fin-nuqqas u konvertibbli, kull bilanc dovut, f’perjodu ta’ prigunerija b’€11.64 kull gurnata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------